# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 978/01/SM**

**SISCO Company Limited**

**vs**

**ACE Investments Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlitt elef, disa' mija u zewg liri (LM3,902.00,) rappresentanti import ta' kambjala wahda, debitament accettata u skaduta fit-12 ta'**

**Novembru, 2001 u mhux imhallsa annessa bhala dokument numru 1;**

**2. Bl-imghax legali mill-iskadenza tal-kambjala sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 2001 kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' Nazzareno Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta ACE Investments Co. Ltd., datata 14 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz taghha ammetta t-talbiet kollha kif dedotti fl-avviz;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**